# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 28 ta' Frar, 2019**

**Kawża Nru. 12**

**Rik. Nru. 1252/09JRM**

Andrea **STELLATO**

vs

**ONOREVOLI PRIM MINISTRU,** Segretarju Permanenti Prinċipali u Kap tas-Servizz Pubbliku u għal kull interess li jista' jkollha f'dawn il-proċeduri, il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fit-22 ta' Diċembru, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur jitlob li din il-Qorti (i) ssib li d-deċiżjoni meħuda mill-imħarrek Segretarju Permanenti Prinċipali u Kap tas-Servizz Pubbliku fit-23 ta' Ġunju, 2009 li biha l-attur ġie interdett għal żmien indefinit, ma tiswiex u hija mingħajr effett fil-liġi; (ii) bla preġudizzju għall-ewwel talba, issib li ma tiswiex u bla effett it-tieni sanzjoni imposta fuqu tat-telf ta' nofs il-paga u dik li żżommu milli jsiefer, liema sanzjonijiet huma *ultra vires* u bla ebda dubju illegali; u (iii) tikkundanna lill-imħarrkin iħallsuh id-danni

għall-finijiet tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tillikwida l-isess danni, jekk hemm bżonn bil-ħatra ta' perit;

Rat id-degriet tagħha tal-31 ta' Diċembru, 2009[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-28 ta' Jannar, 2010, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari qalu li l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-artikolu 469A(3) tal-Kap. 12, u li l-kwestjoni ma tistax titqies bħala "egħmil amministrattiv" skond l-artkolu 469A(2). Fil-mertu, laqgħu billi ċaħdu x-xiljiet miġjuba kontra tagħhom u jgħidu li d-deċiżjoni għad trid tittieħed, inkluż jekk jittiħdux proċeduri dixxiplinarji kontra l-attur, dan wara li jinqatgħu l-proċeduri kriminali li għaddejjin kontra tiegħu quddiem il-Qrati ta' kompetenza kriminali. Huma jisħqu li ġabu rwieħhom mal-attur kif iġibu rwieħhom ma' kull uffiċjal pubbliku ieħor li jkun fl-istess qagħda tiegħu. Minbarra dan, jgħidu li d-deċiżjoni li minnha qed jilmenta l-attur ittieħdet fil-11 ta' Ġunju, 2009 u ġiet komunikata lilu fit-23 ta' Ġunju, 2009. Kwalunkwe deċiżjoni li ħadu l-imħarrkin sa issa taqa' fid-diskrezzjoni li tingħatalhom mil-liġi u hija ta' natura preventiva kif kienu marbuta li jagħmlu fl-interess pubbliku. Huma jiċħdu li l-attur ġarrab jew qed iġarrab danni minħabba d-deċiżjoni meħuda;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Frar, 2010[2], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tiġbor il-provi tal-partijiet;

Rat ix-xhieda u d-dokumenti mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju u kif ukoll dawk imressqa quddiemha;

Rat id-degriet tagħha tat-7 ta' Diċembru, 2011[3], li bih tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-attur tat-28 ta' Frar, 2012[4];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrkin Onor. Prim Ministru, Segretarju Permanenti Prinċipali u Kap tas-Servizz Pubbliku u Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku tat-7 ta' Mejju, 2012[5], bi tweġiba għal dik attriċi;

---

[1] Paġġ. 8 – 9 tal-proċess
[2] Paġ. 23 tal-proċess
[3] Paġ. 228 tal-proċess
[4] Paġġ. 229 sa 251 tal-proċess
[5] Paġġ. 299 sa 323 tal-proċess

Rat id-degrieti tagħha tat-30 ta’ Novembru, 2012[6], li bih u fuq talba magħmula mill-attur, awtorizzat li l-affidavit ta’ Stephanie Stellato jitqies bħala parti mill-atti tal-kawża;

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta’ stħarriġ ġudizzjarju dwar deċiżjoni ta’ interdizzjoni ta’ uffiċjal pubbliku minħabba t-teħid ta’ proċeduri kontrih quddiem Qorti ta’ kompetenza kriminali. L-imħarrek Segretarju Permanenti Prinċipali u Kap tas-Servizz Pubbliku fit-23 ta’ Ġunju, 2009, għarraf liċ-*Chief Executive Officer* tal-*Malta Information Technology Agency* (MITA) li l-attur kien ġie interdett minħabba li ttieħdu kontrih proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Għarrfu wkoll li m’għandux jitħalla jirrapporta għax-xogħol mal-istess Aġenzija b’seħħ mill-25 ta’ Ġunju, 2009. Hu kellu wkoll jibda jirċievi nofs il-paga sakemm idum hekk interdett. L-attur jgħid li l-interdizzjoni seħħet mingħajr ebda proċedura formali u saħansitra wara li saru diskussjonijiet, li hu ma kienx parti fihom, mal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku. Iqis li dan l-aġir jikser id-drittijiet fundamentali tiegħu, kif ukoll huma abbużivi (‘*ultra vires*’) fil-konfront tiegħu. Jisħaq li qed isofri danni u jitlob li l-Qorti tħassar id-deċiżjoni tat-23 ta’ Ġunju, 2009. Jitlob ukoll li għandu jiġi kumpensat id-danni li ġarrab minħabba dan l-aġir;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrkin laqgħu billi, b’mod preliminari qalu li l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-artikolu 469A(3) tal-Kap. 12, u li l-kwestjoni ma tistax titqies bħala “egħmil amministrattiv” skond l-artikolu 469A(2). Fil-mertu, laqgħu billi ċaħdu x-xiljiet miġjuba kontra tagħhom u jgħidu li d-deċiżjoni għad trid tittieħed, inkluż jekk jittiħdux proċeduri dixxiplinarji kontra l-attur, dan wara li jinqatgħu l-proċeduri kriminali li għaddejjin kontra tiegħu quddiem il-Qrati ta’ kompetenza kriminali. Huma jisħqu li ġabu rwieħhom mal-attur kif iġibu rwieħhom ma’ kull uffiċjal pubbliku li jkun fl-istess qagħda tiegħu. Minbarra dan, jgħidu li d-deċiżjoni li minnha qed jilmenta l-attur ittieħdet fil-11 ta’ Ġunju, 2009 u ġiet komunikata lilu fit-23 ta’ Ġunju, 2009. Jiddikjaraw li d-deċiżjoni waħdanija li ttieħdet kienet dik tas-sospensjoni mix-xogħol u li ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni li żżommu milli jsiefer.

[6] Paġ. 333A tal-proċess

Kwalunkwe deċiżjoni li ħadu l-imħarrkin sa issa taqa' fid-diskrezzjoni li tingħatalhom mil-liġi u hija ta' natura preventiva kif kienu marbuta li jagħmlu fl-interess pubbliku. Huma jiċħdu li l-attur ġarrab jew qed iġarrab danni minħabba d-deċiżjoni meħuda;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti jirriżulta li l-attur huwa uffiċjal pubbliku fi grad sostantiv. Bis-saħħa ta' ftehim li sar fl-10 ta' Jannar, 2008, hu kien ingaġġat fil-grad ta' *Chief Information Officer* b'kuntratt għal żmien definit ta' tliet (3) snin b'seħħ mit-23 ta' Lulju, 2007[7] u dan taħt il-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra. Fit-28 ta' April, 2008, huwa ntbagħat jaħdem bħala impjegat mal-*Malta Information Technology Agency* (minn issa 'l hemm imsejħa "MITA");

Illi fl-10 ta' Awwissu, 2006[8], l-attur kien tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja mixli, fost oħrajn, b'akkużi marbuta ma' mġiba domestika vjolenti fil-konfront ta' martu w bintu. Huwa wieġeb li ma kienx ħati u dakinhar il-Qorti tatu l-ħelsien provviżorju mill-arrest taħt kundizzjonijiet[9];

Illi l-attur jgħid[10] li, dakinhar stess li nħeles mill-Qorti, baqa' sejjer jgħarraf minnufih lis-superjur tiegħu (is-Segretarju Permanenti) b'dawk il-proċeduri. Is-Segretarju Permanenti kien tal-fehma li l-kwestjoni tal-attur kienet waħda personali u ma kellux għalfejn jirrapporta jew jieħu passi fil-konfront tiegħu[11];

Illi l-Assistent Kummissarju tal-Pulizija għarraf lill-imħarrek Segretarju Permanenti Prinċipali u Kap tas-Servizz Pubbliku b'dawk il-proċeduri fit-6 ta' Frar, 2009[12]. Fl-20 ta' Frar, 2009[13], id-Direttur tar-Riżorsi fil-*Management and Personnel Office* (M.P.O.) kien għamel rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku (minn issa 'l hemm imsejħa "KSP") biex l-attur ma jkunx interdett matul iż-żmien li l-proċeduri kriminali jkunu għadhom miexja. Għall-bidu, din ir-rakkomandazzjoni ntlaqgħet f'ittra li l-KSP bagħtet lid-Direttur tar-Riżorsi fit-13 ta' Marzu, 2009[14]. Fix-xhur ta' wara, il-*Public Administration Human Resource Office* (PAHRO) rċieva korrispondenza mibgħuta minn mart l-attur (li minnha kien mifrud) li wasslitu biex, fil-11 ta'

[7] Dok. "AS1" f'paġġ. 51 – 5 tal-proċess
[8] Dok. "MT" f'paġġ. 77 – 9 tal-proċess. Ara wkoll Dokti. "MT1" sa "MT5" f'paġġ. 80 sa 95 tal-proċess u x-xhieda tal-Ispettur Mario Tonna f'paġ. 97 tal-proċess
[9] Dok "MT6", f. paġ. 96 tal-proċess
[10] Xhieda tiegħu fil-kontro-eżami f'paġġ. 128 sa 133 tal-proċess
[11] Ara x-xhieda tal-A.I.Ċ. Vincent Cassar f'paġġ. 62 – 3 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda tal-istess Perit Cassar f'paġ. 70 minn fejn jirriżulta li l-attur għarrfu bil-proċeduri kriminali fl-2006.
[12] Dok. "PPS 02" f'paġġ. 33 tal-proċess. Ara x-xhieda ta' Eric Seracino f'paġ. 110 tal-proċess
[13] Dok. "OPM2" f'paġ. 163 tal-proċess
[14] Dok. "OPM3" f'paġ. 164 tal-proċess

Ġunju, 2009, kiteb lill-KSP biex tirrevedi d-deċiżjoni tagħha fil-konfront tal-attur[15];

Illi fil-11 ta' Ġunju, 2009[16], il-KSP, fil-fatt bagħtet rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru biex l-attur ikun interdett. Il-Prim Ministru laqa' r-rakkomandazzjoni tal-KSP dakinhar ukoll;

Illi fit-23 ta' Ġunju, 2009[17], is-Segretarju Permanenti mħarrek bagħat jgħarraf liċ-*Chief Executive Officer* tal-MITA bl-interdizzjoni u sabiex s-salarju tal-attur jitnaqqas bin-nofs sakemm ikunu għadhom għaddejjin il-proċeduri kontrih. L-attur qabbad avukat biex jikteb lis-Segretarju Permanenti mħarrek u b'ittra elettronika tal-10 ta' Lulju, 2009, l-avukat talbu jreġġa' lura d-deċiżjoni meħuda tal-interdizzjoni u t-tnaqqis tal-paga sakemm idum sospiż. Talab ukoll li l-istess Segretarju Permanenti mħarrek jiċċaralu xi aspetti marbuta mal-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' mpieg għal żmien definit li dakinhar kien għad fadallu ftit xhur biss biex jagħlaq. Is-Segretarju Permanenti mħarrek bagħat iwieġbu b'ittra tas-16 ta' Lulju, 2009[18], biex jgħarrfu li d-deċiżjoni li ttieħdet mill-Prim Ministru ma kinitx serja tinbidel u fissirlu għaliex. Fil-jiem ta' wara, baqgħet għaddejja korrispondenza bejn is-Segretarju Permanenti u l-avukat li qabbad l-attur;

Illi fit-22 ta' Diċembru, 2009, infetħet din il-kawża;

Illi meta l-kuntratt ta' mpieg definit tal-attur għalaq fit-22 ta' Lulju, 2010, ma reġax kien imġedded. Madankollu, mal-għeluq ta' dak il-kuntratt, huwa baqa' uffiċjal pubbliku fil-grad ta' *Senior Technical Officer*;

Illi fit-3 ta' Ġunju, 2011[19], Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet lill-attur ħati tal-imputazzjonijiet kollha minbarra għar-raba' u tmien imputazzjoni miġjuba kontrih u ikkundannatu għal tmintax-il (18) xahar priġunerija sospiżi għal perjodu ta' tliet (3) snin minn dakinhar u nħarġet Ordni ta' Ħarsien kontrih fil-konfront ta' bintu għal żmien tliet (3) snin minn dakinhar ukoll. L-attur appella minn dik is-sentenza u b'sentenza mogħtija fit-12 ta' Diċembru, 2017, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriformat is-sentenza tal-ewwel Qorti billi laqgħet bosta mill-aggravji tiegħu u sabitu ħati biss ta' imputazzjoni waħda (dik fil-konfront ta' martu) u ħelsitu bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat ieħor sa żmien sentejn;

---

[15] Ara x-xhieda ta' Dr. Godwin Grima f'paġ. 156 tal-proċess. Ara wkoll Dokti. "OPM4" u "OPM5" f'paġġ. 166 – 7 tal-proċess
[16] Dok. "PPS 01" f'paġ. 32 tal-proċess
[17] Dokti. "PPS01" u "OPM7" f'paġġ. 41 u 169 tal-proċess
[18] Dok "OPM9", f'paġġ. 172 – 3 tal-proċess
[19] Dok. "OPM12" f'paġġ. 178 sa 184 tal-proċess

Illi fit-13 ta' April, 2013[20], bint l-attur ressqet dikjarazzjoni maħlufa li biha stqarret li l-aġir ta' missierha fil-konfront tagħha ma kienx abbużiv iżda wieħed dixxiplinarju;

Illi l-konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ jitolbu li, qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tistħarreġ il-mertu tal-azzjoni attriċi, tqis l-eċċezzjonijiet preliminari mqajma mill-imħarrkin. Biex tqis l-imsemmija eċċezzjonijiet, jeħtieġ li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-attur espressament ressaq din l-azzjoni bħala waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u, b'mod partikolari, dwar deċiżjoni amministrattiva partikolari li huwa jsemmi espressament fl-ewwel talba attriċi;

Illi xieraq li l-Qorti tibda biex tqis **l-eċċezzjonijiet preliminari** mressqa mill-imħarrkin fit-Tweġiba Maħlufa tagħhom. L-eċċezzjonijiet huma tnejn, l-ewwel, dik li ż-żmien biex titressaq l-azzjoni tal-attur laħaq għalaq skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(3) tal-Kap. 12. It-tieni eċċezzjoni preliminari tgħid li l-kwestjoni mqajma mill-attur ma tistax titqies bħala "egħmil amministrattiv" skond l-artkolu 469A(2). Fil-fehma tal-Qorti, dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet imorru id f'id, il-fattur determinanti jkun jekk l-ilment tal-attur għandux jitqies bħala "egħmil amministrattiv" fit-termini tas-subinċiż (2) tal-Kap. 469A. F'każ li waħda miż-żewġ eċċezzjonijiet jirriżultaw tajba, ma jkunx meħtieġ li l-Qorti tgħaddi wkoll biex tqis il-mertu;

Illi fi kliem l-attur, id-deċiżjoni tat-23 ta' Ġunju, 2009, hija "ordni" maħruġa mis-Segretarju Permanenti Prinċipali u Kap tas-Servizz Pubbliku indirizzata liċ-*Chief Executive Officer* tal-MITA u għaldaqstant tista' tiġi mistħarrġa minn din il-Qorti[21];

Illi l-imħarrkin, min-naħa l-oħra, jilqgħu billi jgħidu li l-komunika tat-23 ta' Ġunju, 2009 mis-Segretarju Permanenti Prinċipali u Kap tas-Servizz Pubbliku liċ-*Chief Executive Officer* tal-MITA ma hijiex deċiżjoni għaliex id-deċiżjoni biex l-attur jiġi nterdett ittieħdet mill-Prim Ministru fil-11 ta' Ġunju, 2009, u r-rwol tas-Segretarju Permanenti Prinċipali u Kap tas-Servizz Pubbliku f'din il-kwestjoni kien biss li jagħti rakkomandazzjoni. Jgħidu li t-talba attriċi għaldaqstant ġiet impostata ħażin. Barra minn hekk, l-imħarrkin jisħqu li r-rakkomandazzjoni tas-Segretarju Permanenti Prinċipali u Kap tas-Servizz Pubbliku mhix fost l-"egħmil" li jista' jiġi mistħarreġ taħt l-artikolu 469A tal-Kap. 12;

Illi l-artikolu 469A(2) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili jagħti tifsira ta' x'inhu l-"egħmil amministrattiv" li din il-Qorti tista'

[20] Paġġ. 329 – 330 tal-proċess
[21] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-attur f'paġġ. 246 – 7 tal-proċess

tistħarreġ f'kawża taħt din il-proċedura speċjali. Il-liġi tfisser l-imsemmi "egħmil" bħala "l-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, *warrant*, deċiżjoni jew rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità. .. .". Jekk kemm-il darba għemil ma jkunx jaqa' taħt din it-tifsira, il-Qorti ma tistax tistħarrġu taħt dak l-artikolu f'azzjoni bħal din;

Illi huwa stabilit ukoll li biex wieħed jista' jressaq azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, jeħtieġ juri li kien hemm xi deċiżjoni jew rifjut għal talba magħmula jew il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess jew *warrant* li jsiru minn awtorità pubblika sakemm din id-deċiżjoni, ordni, liċenza, permess jew *warrant* ma ssirx bil-għan ta' organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna fi ħdan dik l-istess awtorità. L-għemil jista' jkun kemm fis-sura ta' deċiżjoni mgħarrfa bil-fomm u kif ukoll bil-miktub. Iżda mhux kull kitba li toħroġ minn ħdan xi awtorità pubblika tikkostitwixxi "deċiżjoni": biex ikollha dawk il-kwalitajiet, dik il-kitba trid tkun għalqet kwestjoni jew ilment billi tgħid li dik hija l-fehma aħħarija tal-awtorità pubblika li tkun għall-ilment jew għat-talba li jkunu sarulha[22];

Illi, madankollu, jrid jingħad li taħt it-tifsira ta' "egħmil amministrattiv", il-liġi tinkludi wkoll ir-rifjut għal talba. Ir-rifjut ma jgħoddx fih biss iċ-ċaħda ta' talba imma wkoll in-nuqqas ta' għoti ta' deċiżjoni sa ċertu żmien minn meta ssir talba. F'każ bħal dan, iż-żmien meta nuqqas ta' deċiżjoni jitqies bħala rifjut jibda jgħaddi minn dak inhar li talba tiġi notifikata lill-awtorità li tkun, u jekk kemm-il darba dik l-awtorità tonqos li tagħti deċiżjoni sa żmien xahrejn minn dik in-notifika;

Illi fit-talbiet attriċi, l-attur iqis il-komunika tat-23 ta' Ġunju, 2009, bħala "deċiżjoni". Imma, fis-sewwa, minn imkien ma ntwera bi prova li l-attur ressaq xi talba biex tiġi kkonsidrata mill-imħarrek Segretarju Permanenti, kif teżiġi l-liġi. Aktar tard, fis-sottomissjonijiet tiegħu, l-attur jgħid li l-komunika tas-Segretarju Permanenti żgur li ma tistax ma titqiesx bħala "ħruġ ta' ordni" li torbot kemm lis-*CEO* tal-MITA kif ukoll lill-attur;

Illi huwa ċar li bl-argumenti mressqa minnu b'dan il-mod, l-attur qed jittanta jiggranfa ma' kliem li joħorġu mis-subinċiż (2) tal-artikolu 469A biex isalva kawża, u jwassal lill-Qorti tagħti ġudizzju fuq l-mertu. Wara li qieset l-argumenti mressqa mill-abbli avukati tal-partijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-argumenti tal-attur ma jistgħux jintlaqgħu. Dan tgħidu għar-raġunijiet li ġejjin. Fl-ewwel lok, l-ittra tat-23 ta' Ġunju, 2009, li fuqha l-attur iserraħ it-talbiet tiegħu, m'għandhiex titqies bħala "ordni" mogħtija lis-*CEO* tal-

[22] App. Ċiv. **3.4.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Jupiter Co. Ltd. et vs Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar***

MITA kif qed jittanta jpinġiha l-attur. Is-sustanza ta' dak id-dokument ma hu xejn aktar minn komunika ta' deċiżjoni li ħa l-Prim Ministru (f'data oħra u fuq rakkomandazzjoni tal-imħarrka KSP) fil-konfront ta' l-attur fis-sens li għandu jkun interdett taħt ir-Regolamenti tad-Dixxiplina li kienu fis-seħħ dak iż-żmien dwar uffiċjali pubbliċi li dwarhom jittieħdu proċeduri ta' bixra kriminali dwar reati. L-istess Regolamenti jgħidu li kien jaqa' fuq l-imħarrek Segretarju Permanenti li jwassal tali deċiżjoni lis-*CEO* tal-MITA bħala l-persuna responsabbli mill-impjieg tal-attur u lill-attur nnifsu bħala l-persuna li ser tintlaqat mid-deċiżjoni tal-Prim Ministru. Imma tali komunika qatt ma tista' titqies bħala d-deċiżjoni u wisq anqas twassal għal dikjarazzjoni ta' nullità kif qed jitlob l-attur fl-ewwel talba tiegħu. Fit-tieni lok, il-mertu tal-kawża jorbot ma' deċiżjoni meħuda mill-Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni li saritlu mill-KSP u mhux ma' komunika maħruġa mill-imħarrek Segretarju Permanenti ta' tali deċiżjoni;

Illi l-Qorti żżid tgħid ukoll li kieku kellha tqis l-ewwel talba tal-attur u ssib li l-ittra mibgħuta lilu fit-23 ta' Ġunju, 2009, kienet "deċiżjoni" ta' awtorità pubblika u li ma kinitx tiswa, l-ilqugħ tal-ewwel talba kien jolqot biss dik l-ittra, għaliex l-ewwel talba ssemmi biss dik l-ittra. B'dan il-mod, id-deċiżjoni li kienet ittieħdet ġimgħat qabel u li bis-saħħa tagħha l-attur kien ġie interdett u s-salarju tiegħu jitnaqqas bin-nofs sakemm idumu għaddejjin il-proċeduri kriminali ma tintlaqatx. Dan għaliex il-Qorti tista' tippronunzja ruħha biss dwar dak li jintalab;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti sejra ssib li t-tieni eċċezzjoni preliminari ta' l-imħarrkin hija tajba u sejra tilqagħha;

Illi ladarba l-Qorti qiegħda ssib li t-tieni eċċezzjoni preliminari hija tajba, ma hemm l-ebda ħtieġa li tistħarreġ ukoll l-ewwel eċċezzjoni preliminari, dik dwar jekk l-attur fetaħx il-kawża fiż-żmien li tagħtih il-liġi (għalkemm hawnhekk ukoll, jekk wieħed jirreferi għad-data meta tassew ittieħdet deċiżjoni dwar l-interdizzjoni tal-attur u t-tnaqqis tas-salarju tiegħu, wieħed isib li s-sitt xhur kienu għaddew qabel ma nfetħet il-kawża), u wisq anqas għandha tidħol fi stħarriġ tal-mertu tal-kawża;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrkin u tgħid li dak li wettaq is-Segretarju Permanenti Prinċipali u Kap tas-Servizz Pubbliku ma jistax jitqies bħala egħmil amministrattiv skond l-artikolu 469A(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk din il-Qorti ma tistax tistħarrġu fl-għamla ta' azzjoni mressqa mill-attur;

**Tastjeni** milli tqis **l-eċċezzjonijiet l-oħra** tal-imħarrkin;

**Tiċħad it-talbiet attriċi** bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tordna** lill-attur iħallas **l-ispejjeż** tal-kawża.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**28 ta' Frar, 2019**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**

**28 ta' Frar, 2019**